31976L0399

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-6 ta' April 1976

li tagħmel ħames emenda għad-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri dwar materja koloranti awtorizzata għall-użu fl-affarijiet tal-ikel maħsuba għal konsum mill-bniedem

(76/399/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi d-Direttiva tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 1962 dwar l-approssimazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri dwar **materja koloranti** awtorizzata għall-użu f'oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-konsum mill-bniedem [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 70/358/KEE [4], tipprovdi lista komuni ta' sostanzi li jagħtu kulur;

Billi mill-adozzjoni ta' dik id-Direttiva kien hemm żviluppi sinifikanti fil-metodi għall-investigazzjoni tossikoloġika ta' addittivi ta' l-ikel u b'mod partikolari fl-evalwazzjoni u fl-interpretazzjoni ta' informazzjoni bijoloġika u kimika;

Billi, fid-dawl tal-ħtiġiet preżenti fir-rigward tas-sigurtà fl-użu ta' sostanzi li jagħtu kulur, ċerti sostanzi li jagħtu kulur ma għandhomx ikunu permessi jintużaw aktar f'oġġetti ta' l-ikel.

Filwaqt li l-projbizzjoni meħtieġa għandha tingħata effett taħt kundizzjonijiet li jassiguraw l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, waqt li tevita kemm jista' jkun ix-xkiel kollu kemm teknoloġiku u ekonomiku,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. L-Annessi I u III tad-Direttiva tat-23 ta' Ottubru 1962 huma emendati kif ġej:

Il-koloranti li ġejjin huma mħassra sa mill-1 ta' Jannar 1977:

E 103 Chrysoine S,

E 105 Fast yellow AB,

E 111 Orange GGN,

E 121 Orchil, orcein,

E 125 Scarlet GN,

E 126 Ponceau 6 R,

E 130 Anthraquinone blue (solanthrene blue RS),

E 152 Black 7984,

E 181 Burnt umber.

2. It-tqegħid fis-suq ta' oġġetti ta' l-ikel li jkun fih wieħed jew aktar mis-sostanzi li jagħtu kulur elenkati fil-paragrafu 1 huwa projbit mill-1 ta' Jannar 1978.

[1] ĠU L 79, 5.4.1976, p. 46.
[2] ĠU Ċ 50, 4.3.1976, p. 8.
[3] ĠU Ċ 115, 1.11.1962, p. 2645/62.
[4] ĠU L 157, 18.7.1970, p. 36.

Artikolu 2

L-Istati Membri li huma awtorizzati li jipprojbixxu, sal-31 ta' Diċembru 1975, l-użu f'oġġetti ta' l-ikel ta' sostanza li tagħti kulur waħda jew aktar elenkata fl-Artikolu 1(1) jistgħu jżommu din il-projbizzjoni wara dik id-data.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fid-dati stabbiliti fl-Artikolu 1 u għandhom jinfurmaw mal-ewwel lill-Kumissjoni bihom.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fis-6 ta' April 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

J. HAMILIUS